# L-Ewwel Karmelitani fl-Imdina
## (Ir-Raba' parti)



Mario Fenech

Meta tpoġġa fil-post tiegħu l-Kwadru Titulari tal-Knisja tal-Artist magħruf Stefano Erardi fis-sena 1677 li juri t-tħabbira ta' l-Arkanġlu Gabriel lill-Madonna, l-Knisja bdiet tiġbed aktar lejha nies. Dawn, bosta minnhom kienu jagħmlu parti minn familji għonja li dak iż-żmien kienu jgħixu fl-Mdina u fl-inħawi tal-madwar. Kien għalhekk li fi żmien qasir il-Knisja bdiet tiġi mżejjna b'numru tal-Opri sbieħ li wħud minnhom għażilthom għal din il-kitba tiegħi.

Fis-sena 1699 l-Imgħallem Salvatore Borg ġie mqabbad milll-Patrijiet Karmelitani biex jagħmel żewġ arloġġi tax-xemx mal-faċċata tal-knisja. Għal xi raġuni dan kien għamel arloġġ wieħed biss. Fl-istess żmien li matulu kienu qegħdin isiru dawn l-opri kien qiegħed jiġi mibni l-kunvent kif nafuh il-lum. Fuq ix-xewqa tal-Viżitatur Ġenerali Patri Mikiel Cantelma il-Kunvent kellu jiġi mkabbar. Għal daqstant il-patrijiet xtraw xi bini li kien hemm wara l-kunvent biex ikunu jistgħu jkomplu b' dan il-proġett. Dan ix-xogħol beda fil-21 ta' Settembru 1705 u tmexxa mill-arkitett Salvu Borg u dam sejjer għal perjodu xi ftit twil minħabba li ntoppi li kienu nqalgħu. Meta ġew biex jagħmlu l-pittura li hemm mal-ħitan tar-refettorju tal-kunvent il-pirjol Patri Mikiel Anġ Mamo għamel użu minn erba' kwadri li qabel kienu fil-knisja fuq il-ħitan tal-kappelli.



Dawn huma ta' Sant'Elija, San Eliżew, San Albert u Sant'Anġlu. Kien għamilhom l-Artist Giovanni Battista Coloriti fis-sena 1680. Ġew miżjuda ma' dawn il-kwadri fir-refettorju l-kwadri ta' San Pawl u ta' San Ġużepp.

Biex ma' jintilef xejn minn dak li qabel kien hemm fil-knisja l-qadima qabel ma' tkabbret f'dan ir-refettorju tpoġġa wkoll il-pulptu l-antik. L-ewwel festa tal-Madonna tal-Karmnu saret fis-sena 1659 u mis-sena ta' wara 'l quddiem bdiet tikber fil-popolarita' tagħha. F'Ottubru tas-sena 1663 twaqqfet il-Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu u bdiet tieħu ħsieb torganizza festa kbira flimkien mal-komunita' tal-patrijiet karmelitani.

Fis-sena 1761 waslet l-istatwa tal-Madonna li nħadmet mill-Iskultur Andrea Imbroll.
Id-dekorazzjoni tas-saqaf ovali tal-knisja damet sew biex saret. Kien għadu kemm beda s-seklu għoxrin meta l-Pirjol Patri Filippu Mifsud waqt laqgħa mal-patrijiet li saret fis-26 ta' Marzu 1901 qalilhom bil-ħsieb tiegħu li jibda dan ix-xogħol.

Ġie mqabbad l-artist professur Tommaso Malerba biex jagħmel dan ix-xogħol. L-induratura saret minn Antonio Gauci. Ftit wara li tlesta dan ix-xogħol tant sabiħ tad-dekorazzjoni u pittura tas-saqaf, l-artist Giuseppe Cali' għamel l-erba' kwadri tal-qaddisin karmelitani. Dawn huma Sant'Anġlu, San Albert, San Andrea Corsini u San Pier Tumas. Kienu it-tlett sett ta' kwadri li saru għall-knisja, għaliex minbarra dawk li kienu tpoġġew fir-refettorju tal-kunvent kien hemm sett ieħor qabilhom li kien sar fis-sena 1718 mill-artist Filibero Ariet. Fil-kwadri kien hemm xeni mill-ħajja ta' Sant'Elija.

Il-kwadri ta' Giuseppe Cali' li hemm il-lum fil-Knisja huma mżejjna b'dekorazzjoni sabiħa li kienet saret mil-iskultur Salvatore Dimech fis-sena 1847.

Dawn huma wħud mill-ħafna Opri sbieħ li bihom hija mżejjna din il-knisja tal-Madonna tal-Karmnu tal-Mdina.

*Il-festa t-tajba lil kulħadd.*

**CFK Mechanical Clock Repairs**

Grandfather Clocks, Wall Clocks
Bracket Clocks (shelf & Mantelpiece), Cuckoo Clocks

We perform repairs on site whenever possible

**M:** 99681601 | 77681501 | **E:** cedrickfonk@gmail.com

**CENTRAL BUTCHER**
Fresh • Frozen Meat • Poultry • Pastry

Props: Joe & Alex Zerafa

2, St Ann street Attard
Tel: 21435162
Mob: 99338464

**FREE DELIVERY**



**CTS COMPUTERS**
**COMPUTER TRAINING & SERVICES**
**Computer Sales with a Real Guarantee on site repairs & Upgrades**

37, Turu Rizzo Street, Gżira
Tel/Fax: (356) 21 323 426
Mob: 9942 5486
E-mail: cts@vol.net.mt

